# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Jannar 2022**

**Talba Nru: 190/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 5**

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**John Chircop (ID 589490(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2019[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€545.17) u dan in konnessjoni ma servizz provdut lill-konvenut kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk tal-ittra uffiċjali u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Avviż tat-Talba[2];

Ra r-risposta tal-konvenut[3] permezz ta' liema huwa, b'eċċezzjoni unika, eċċepixxa li l-ammont dovut huwa preskritt a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Sema' x-xhieda ta' John Chircop[5];

Sema' x-xhieda ta' Paul Gatt, rappreżentant tas-soċjetá attriċi[6], flimkien mad-dokumenti eżebiti;

Sema' x-xhieda ta' John Chircop in subizzjoni[7];

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[2] Dawn jinsabu a fol 4 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 28 tal-proċess.
[4] A fol 37 tal-proċess.
[5] Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021.
[6] Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021.
[7] Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2021.
[8] Seduta tat-22 ta' Novembru 2021, tibda a fol 68 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma jiġi eżaminat l-aspett legali tal-kwistjoni, it-Tribunal iqis li għandu jirrakkolji fil-qosor ix-xhieda mismugħa f'din it-talba.

Illi konvenut inizjalment xehed minn jeddu[9], wara ordni li s-seħħ l-inverżjoni tal-provi minħabba n-natura tal-unika eċċezzjoni mressqa minnu. Hawnhekk spjega sempliċiment li huwa m'huwiex debitur tas-soċjetá attriċi. In kontro-eżami mbagħad jiċħad li huwa qatt ra d-dokument eżebit mis-soċjetá attriċi u jikkonferma li huwa qatt ma rċieva ittra uffiċjali. Jgħid li għalkemm il-kont rilevanti jgħajjat lilu, fil-verità s-servizz kien għall-*ex* tfajla tiegħu.

Illi l-istess konvenut xehed ukoll in kontro-eżami[10]. Spjega li s-servizz baqá jiġi provdut għal-perjodu ta' madwar sena. Dakinhar li huwa rritorna l-oġġetti l-applikazzjoni ġiet magħmula minn impjegat tas-soċjetá attriċi. Ma jiftakarx x'kien l-ammont li ġie mnaqqas mill-kont. Dak l-ammont oriġinali kien tħallas minnu fil-bidu tas-servizz. Huwa fehem li dak l-ammont kien sejjer jinżamm mis-soċjetá attriċi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Paul Gatt, rappreżentant tas-soċjetá attriċi[11]. Spjega li l-konvenut kellu servizz mas-soċjetá attriċi ġewwa residenza l-Mosta. Ġiet eżebita dokumentazzjoni rigwardanti l-installar tal-apparat mogħti. Spjega li l-kont infetaħ fil-1 ta' Diċembru tas-sena 2012. Ikkonferma li l-kont jingħata numru wieħed għas-servizzi kollha. Jikkonferma li l-ammont dovut huwa ta' €545.17c. Ikkonferma l-prospett dwar l-ammont pendenti. Dwar meta wieħed jonqos milli jħallas, spjega li l-proċedura hija li inizjalment tinkiteb ittra lill-

[9] Seduta tat-8 ta' Lulju 2021, xhieda relattiva tibda *a fol* 47 tal-proċess.
[10] Seduta tat-22 ta' Novembru 2021, xhieda relattiva tibda *a fol* 64 tal-proċess.
[11] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2021, xhieda relattiva tibda *a fol* 52 tal-proċess.

klijent, imbgħad tinbgħat ittra legali u sussegwentement jista jagħti l-każ lis-servizz jiġi maqtugħ. Jikkonferma li din il-proċedura seħħet fil-konfront tal-konvenut. Dwar l-apparat spjega li jekk il-klijent jirritorna l-istess oġġetti, allura mbagħad l-kont tal-klijent jiġi akkreditat b'ammont. Spjega li inizjalment ikun hemm *charge* fuq l-apparat u dik *ic-charge* tiġi ritornata lill-klijent meta dan jieħu lura l-oġġetti. Jgħid li hekk sar f'dan il-każ u s-soċjetá attriċi rritornat dan l-ammont. Jikkonferma li l-aħħar pagament seħħ fis-6 ta' Diċembru 2013.

Illi in kontro-eżami[12] spjega lid-dokument utilizzat bħala *request for works* tas-sena 2014 timtela mill-applikant. L-ammont li ngħata lura l-konvenut kien jikkonsisti fl-ammont ta' €75 għas-set tat-televixin u l-ammont ta' €50 kien rigwardanti s-servizz tal-internet. Mistoqsi jekk il-klijent għandux għażla jekk jirċievi flus kontanti jew li dawn jitnaqqsu mill-kont, jirrispondi li dan l-ammont jitnaqqas b'mod awtomatiku. Dwar l-applikazzjoni utilizzat għar-ritorn tal-oġġetti, suppost kellha tintuża formola oħra.

**Preskrizzjoni**

Illi qabel mat-Tribunal jinvesti fil-mertu tat-talba odjerna, huwa neċessarju li l-ewwel jittratta u jiddeċiedi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dan anki għaliex din il-materja għandha tiġi trattata u deċiża b'kap separat[13]. Wara kollox din hija l-unika difiża li għażel il-konvenut sabiex jiddefendi ruħu f'din l-azzjoni.

Illi qabel xejn, dan it-Tribunal jgħid li għalkemm huwa prinċipalment munit li jutilizza il-kejl ekwitattiv sabiex jasal għal xi deċiżjoni tiegħu, huwa l-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta stess li jistipula li f'każ ta' eżami t'eċċezzjoni simili, u

[12] Li seħħ fl-istess seduta u tibda *a tergo* ta' fol 56 tal-proċess.
[13] L-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

ċioé dik tal-preskrizzjoni, dik il-fakultà ekwitattiva tispiċċa u allura, t-Tribunal jrid jiddeċiedi l-istess skond il-liġi[14].

Illi bħala daħla, u allura b'mod preliminari, irid jingħad li permezz tal-Att 1 tas-sena 2017 saru bidliet importanti, anzi radikali, fl-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tant li wieħed jista jgħid li l-istitut tal-ġurament deċiżorju inqaleb taħt fuq[15]. Illum għalhekk m'huwiex aktar imħolli lill-kreditur li jsejjaħ lid-debitur iżda huwa dan ta' l-aħħar li għandu, *di sua sponte,* jkollu sehem attiv f'dan l-aspett. F'dan il-każ permezz tax-xhieda tiegħu, qagħad eżattament ma' dak li tirrikjedi l-liġi llum, l-istess konvenut issodisfa l-vot tal-liġi. Għal dan it-Tribunal, il-parteċipazzjoni tal-konvenut, bil-mod kif għamel, issodisfa dan l-aspett partikolari rigwardanti l-preskrizzjoni minnu eċċepita. B'hekk ma hemmx problemi proċedurali fir-rigward ta' dan l-iżvillup leġislattiv.

---

[14] L-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kkundizzjunat bis-segwenti: *"Iżda, f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi."*

[15] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: *"Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament [...] tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jaghżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah."* Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet **GO p.l.c. vs Miguel *sive* Michael DeGiorgio,** (Tlb Nru: 381/2018 KCX), mogħtija nhar l-4 ta' Frar 2020.

Illi issa b'mod ġenerali, huwa magħruf li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva[16]. Ukoll, il-preskrizzjoni hija imħollija f'idejn min jeċċepixxu l-istess, b'tali li mod li awtorità ġudikanti ma tistax tissostitwixxi l-għamla tal-preskrizzjoni eċċepita *sua sponte*. Dan wara kollox ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab diġa kodifikat[17].

Illi huwa ċar għal dan it-Tribunal li l-artikolu utilizzat huwa l-wieħed tajjeb u għalhekk anke dan l-aspett huwa korrett.

Illi s-soċjetá attriċi, fit-trattazzjoni tal-għeluq, targumenta li l-konvenut wera intenzjoni ċara li kien qiegħed jirrikonoxxi d-dejn fil-ħin li aċċetta li l-ammont ta' €125 jiġi akkreditat fil-kont tiegħu. Bid-dovut rispett, għalkemm dan it-Tribunal japprezza l-isforz wara dan il-ħsieb, dan l-argument m'għandux mis-sewwa. Is-sempliċi fatt li kreditur hu stess inaqqas minn xi kont, speċjalment meta ntwera biċ-ċar li l-konvenut ma kellux xi alternattiva[18], ma jfissirx b'hekk li d-debitur b'xi mod aċċetta l-eżistenza ta' dejn. Li kieku kien id-debitur stess li ħallas, wieħed seta' ġustament jitkellem dwar interruzzjoni. Iċ-ċirkostanzi hawnhekk huwa fl-oppost fejn id-debitur mhux talli ma ħallasx, talli tħallas hu stess. Ma nġabet l-ebda prova oħra mis-soċjetá attriċi[19] sabiex b'xi mod turi jew li l-artikolu utilizzat huwa żbaljat jew li seħħet interruzzjoni b'xi forma oħra kif trid il-liġi[20]. Irid jiġi mfakkar li f'xi każ ta' dubju fir-rigward ta jekk seħħitx

---

[16] Dwar dan, fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak li ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett Ian Żammit vs V. Attard (Works) Limited**, (Rik Nru: 562/11/1 SM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2021.
[17] Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[18] *Vide* xhieda a fol 58 tal-proċess.
[19] Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia et vs Andre Carbonaro et** ġie ribadit hekk: "*L-indagini dwar ir-rinunzja tacita timplika necessarjament apprezzament ta' fatt. Naturalment l-attur li jissollevaha jehtieglu jiddemostra mhux biss l-ezistenza ta' fatt inkompatibbli mal-volonta` tad-debitur li jivvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda wkoll li l-fatt hu derivat minn att spontaneju tad-debitur tieghu*"
[20] Artikolu 2131, 2133 u 2134 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv, dan m'għandux isarraf fiċ-ċaħda ta' min iqanqal din il-linja difensjonali[21].

Illi fl-ebda ħin u mument il-konvenut qatt ma rrikonoxxa d-dejn. Ċertament, għal dan it-Tribunal ma jistax jingħad li l-konvenut wera b'xi mod volontarju u b'xi att pożittiv li huwa kien qiegħed juri li kien hemm xi dejn mis-soċjetá attriċi fil-konfront tiegħu[22].

Illi għalhekk għal dan it-Tribunal, l-azzjoni eżerċitata hija limitatament preskritta bi trapass taż-żmien u konsegwentement m'għandux għażla salv li jilqá parzjalment l-eċċezzjoni hekk kif dedotta.

Illi jingħad li din l-eċċezzjoni qiegħda tintlaqá b'mod limitat għaliex l-ammont mitlub huwa ta' bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-2 ta' Ottubru 2014 (din l-aħħar data hija meta jidher li sar ir-rifużjoni tal-ammont ta' €125 imsemmi aktar qabel). Huwa magħruf li meta tinqala' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni,

[21] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick,** (App Ċiv Nru: 544/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar 2005 fejn ġie ripetut hekk: *" Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX P I p 989). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723);*

[22] F'dan is-sens huwa utli li ssir referenza għas-sentenza (inċidentalment fejn kienet parteċipi l-istess soċjetá attriċi) fl-ismijiet **GO p.l.c vs Dolphin Industrial Services Limited,** (App 252/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2019 fejn ġie ribadit hekk: "*Sabiex tissussisti r-rinunzja tal-preskrizzjoni jridu jikkoezistu l-volontarjetà, il-konsapevolezza, u linekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat."*

iż-żmien jibda għaddej minn dak inhar li jkun beda dak id-dritt jew meta setgħet tiġi mibdija azzjoni[23] fuq l-istess dritt[24].

Illi din il-kawża infetħet fis-26 ta' Lulju 2019. B'hekk, l-ammonti li għandhom jiġu kkunsidrati huma dawk mis-26 ta' Lulju 2014 'l quddiem. Mill-prospett eżebit mis-soċjetá attriċi jidher li l-unika kont applikabbli huwa dak tal-1 ta' Awwissu 2014 li minnhom għandu jitnaqqas l-ammont akkreditat mis-soċjetá attriċi stess. B'hekk l-ammont dovut huwa ta' tnejn u ħamsin Ewro (€52).

Illi jrid jiġi mfakkar li l-konvenut ma rreżistiex għall-pretiża tas-soċjetá attriċi b'xi eċċezzjoni oħra. Għażel li jiddefendi ruħu biss bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk, ġialadarba din ġiet milqugħa biss b'mod parzjali, l-ammont mhux hekk preskritt, ġie pruvat u huwa dovut.

Għaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qiegħed jilqá parzjalment l-ewwel l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi limitatament u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tnejn u ħamsin Ewro (€52[25]) lis-soċjetà attriċi, bl-imgħax legali mis-26 ta' Lulju 2019[26].

---

[23] Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[24] L-awtur Gabriel Baudry-Lacantinerie fl-opra **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile,** fil-volum intitolat **Della Prescrizione** jgħid hekk: "*Quando comincia a decorrere la prescrizione? A questo proposito occorre distinguere tra la prescrizione acquisitiva e la prescrizione estintiva. La prima ha per principio, come punto di partenza, il giorno in cui il possesso é cominciato; poiché e fondata sul possesso che ha per iscopo di consolidare. Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere.*" – Capitolu XII, para 364 fol 279.

[25] L-ammont skond il-kont mhux preskritt tal-1 ta' Awwissu 2014 huwa ta' mija u sbatax il-Ewro (€117). Minn dan irid jitnaqqas l-ammont akkrediat mis-soċjetá attriċi fl-ammont ta' mija, ħamsa u għoxrin Ewro (€125). B'hekk l-ammont dovut huwa ta' tnejn u ħamsin Ewro (€52).

[26] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba ai termini tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż[27] ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu bil-mod segwenti; erbgħa partijiet minn ħamsa (4/5) jitħallsu mis-soċjetá attriċi u r-rimanenti parti minn ħamsa (1/5) jitħallsu mill-konvenut.

L-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba u li ġiet debitament preżentata, jitħallsu mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

27 L-artikolu 10 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti diskrezzjoni fuq dan l-aspett.